

## Espert tal-Mikrobijoloġija

Unità: Funzjonijiet tas-Saħħa Pubblika

Referenza: ECDC/AD/2020/PHF-EM

Qegħdin jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-kariga ta' hawn fuq fiċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC).

### Deskrizzjoni tal-impjieg

Id-Detentur tal-impjieg se jaqa' taħt il-Mexxej tal-Grupp, tal-Grupp ta' Sorveljanza Molekulari u tal-Mikrobioloġija filwaqt li jaħdem mill-qrib mat-timijiet l-oħra mit-Taqsima ta' Sorveljanza u l-programmi tal-mard. Huwa/hija se jittqiegħed/titqiegħed fit-Taqsima ta' Sorveljanza fl-Unità tal-Funzjonijiet tas-Saħħa Pubblika.

L-ECDC bħalissa qed ifittex li jirrekluta żewġ **Esperti tal-Mikrobijoloġija** iżda se **jistabbilixxi wkoll lista ta' riżerva li tista' tintuża għal kwalunkwe pożizzjoni vakanti futura f'dan il-qasam.**

Hu/Hi se jkun/tkun responsabbli b'mod partikolari mill-oqsma ta' xogħol li ġejjin:

- Id-definizzjoni tal-protokoll ta' sorveljanza u l-pjanijiet ta' analiżi speċifiċi għall-mard, l-integrazzjoni ta' *data* tat-tipar ġenomiku fis-sistemi ta' sorveljanza u investigazzjonijiet ta' tifqigħat fil-livell tal-UE;
- Il-koordinazzjoni ta' networks tal-laboratorji speċifiċi għall-mard, inkluż il-kollegament man-network dwar proġetti speċifiċi, il-provvista ta' feedback, l-abbozzar ta' rapporti u riżultati oħra;
- L-ottimizzazzjoni tal-ġestjoni u l-applikazzjoni tad-*data* ta' sorveljanza bbażata fuq it-tipar molekulari, l-appoġġ tal-innovazzjoni tas-sistemi ta' sorveljanza b'komponenti bbażati fuq it-tipar molekulari u l-iżgurar tal-integrazzjoni tagħhom fir-riżultati ta' sorveljanza ta' rutina tal-ECDC;
- L-użu ta' diversi għodod tal-bijoinformatika għat-twettiq tal-analiżi, il-viżwalizzazzjoni u l-interpretazzjoni tad-*data* tal-WGS;
- L-għoti ta' pariri esperti dwar il-mikrobijoloġija fl-ECDC, fl-Istati Membri tal-UE/taż-ŻEE u fil-Kummissjoni Ewropea dwar l-analiżi u l-interpretazzjoni ta' *data* bbażata fuq it-tipar molekulari fil-kuntest tal-identifikazzjoni, il-valutazzjoni, il-monitoraġġ u l-komunikazzjoni ta' theddid għas-saħħa pubblika għall-UE;

- L-identifikazzjoni proattiva u l-koordinazzjoni ta' proġetti tal-mikrobijoloġija b'dimensjoni ta' mard trasversali, b'hat-titjib tal-kwalità tal-EQAs, l-għoti ta' taħriġ f'oqsma speċifiċi, u l-proposta ta' modi biex jiżjed il-valur u l-impatt tar-risultati tal-mikrobijoloġija;
- Il-kontribut għal valutazzjonijiet tar-riskju tal-ECDC rapidi;
- Il-kontribut fit-tweġib ta' mistoqsijiet mill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni u l-Istati Membri;
- Il-kontribut f'attivitajiet oħra tal-ECDC kif meħtieġ, fil-qasam tal-kompetenza tiegħu/tagħha.
- Jista' jintalab jikkontribwixxi għas-sistema tax-xogħol 24/7 tal-ECDC.

## Kwalifiki u esperjenzi meħtieġa

### A. Rekwiżiti formali

Sabiex tkun kandidat eliġibbli jeħtieġ li tissodisfa sett ta' rekwiżiti formali. Dawn ir-rekwiżiti huma:

- Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ta' mill-anqas 3 snin attestati b'diploma<sup>1</sup>;
- Għarfien profond ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa uffiċjali oħra tal-UE sal-limitu meħtieġ għall-qadi ta' dmirijietu/dmirijietha<sup>2</sup>;
- Nazzjonalità ta' wieħed mill-Istati Membri tal-UE jew tan-Norveġja, tal-Iżlanda jew tal-Liechtenstein;
- Intitolament għad-drittijiet sħaħ tiegħu jew tagħha bħala ċittadin<sup>3</sup>;
- Ikun issodisfa l-obbligi kollha imposti mil-ligijiet applikabbli dwar is-servizz militari;
- Jissodifa r-rekwiżiti tal-karattru għad-dmirijiet involuti; u
- Ikun fiżikament b'saħħtu biex iwettaq id-dmirijiet relatati ma' din il-kariga.

### B. Kriterji tal-għażla

Sabiex tikkwalifika għal din il-kariga identifikajna **kriterji essenzjali** fir-rigward tal-esperjenza professjonali u l-karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali. Dawn huma:

#### Esperjenza/għarfien professjonali:

- Mill-anqas 5 snin ta' esperjenza professjonali (wara l-għoti tad-diploma), li minnhom mill-anqas 3 snin ta' esperjenza professjonali miksuba f'pożizzjonijiet rilevanti għad-dmirijiet deskritti fid-deskrizzjoni tal-impjieg, preferibbilment inkluża l-esperjenza fil-mikrobijoloġija klinika u/jew laboratorju nazzjonali tas-saħħa pubblika;
- Lawrja universitarja fil-qasam tal-mikrobijoloġija, tal-epidemjoloġija, tal-bijoxjenzi jew qasam ieħor relatat;

<sup>1</sup> Għandhom jiġu kkunsidrati biss id-diplomi u ċ-ċertifikati li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li huma s-suġġett ta' ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġa mill-awtoritajiet fl-Istati Membri msemmija.

<sup>2</sup> Il-kandidati b'lingwa tal-UE mhux uffiċjali jew bl-Ingliż bħala l-lingwa materna tagħhom iridu jipprovdu evidenza tal-livell tagħhom ta' tliet lingwa b'ċertifikat (B1 jew iktar).

Barra minn hekk, sabiex ikunu eliġibbli għal promozzjoni permezz ta' eżerċizzju ta' promozzjoni annwali, il-membri tal-persunal għandu jkollhom għarfien operazzjonali ta' tielet lingwa tal-UE, kif deskritt fir-Regolamenti tal-Persunal u r-Regoli ta' Implimentazzjoni applikabbli.

<sup>3</sup> Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul se jintalab jipprovdi ċertifikat mill-fajl tal-pulizija biex juri li ma għandux kondotta kriminali.

- Esperjenza fl-istabbiliment, fl-operat, jew fl-evalwazzjoni ta' sistemi ta' sorveljanza tas-saħħa pubblika reġjonali, nazzjonali jew internazzjonali, inklużi sistemi b'*data* molekulari integrata;
- Esperjenza fl-analiżi, fl-interpretazzjoni u fil-komunikazzjoni tad-*data* mikrobijoloġika u epidemjoloġika integrata, inklużi l-analiżi u l-interpretazzjoni konġunti tal-WGS u d-*data* epidemjoloġika, fil-kuntest tas-sorveljanza u d-detezzjoni u l-investigazzjoni tat-tifqigħat;
- Esperjenza bl-EQAs jew l-istudji ta' validazzjoni tal-assaġġi dijanjostiċi;
- Għarfien eċċellenti tal-Ingliż, kemm miktub kif ukoll mitkellem.

### Karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali:

- Ħiliet eċċellenti ta' komunikazzjoni mitkellma u miktuba;
- Il-kapaċità li taħdem b'mod kollaborattiv u li tibni relazzjonijiet tax-xogħol multidixiplinarji b'saħħithom;
- Tkun orjentat lejn ir-riżultati u kapaċi tieħu inizzjattiva;
- Ħiliet organizzattivi b'saħħithom u l-abbiltà li taħdem taħt pressjoni;
- Tagħmel ħiltek biex twettaq xogħol ta' kwalità u tkun persuna orjentata lejn is-servizz.

Skont l-għadd ta' applikazzjonijiet li jaslu, il-kumitat tal-għażla jista' japplika rekwiżiti aktar stretti fil-kriterji tal-għażla msemmija qabel.

## Opportunitajiet Indaq

L-ECDC huwa impjegatur ta' opportunitajiet indaq u jħeġġeġ l-applikazzjonijiet mill-kandidati kollha li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà u tal-għażla mingħajr l-ebda distinzjoni abbażi ta' età, razza, konvinzjoni politika, filosofika jew reliġjuża, ġeneru jew orjentazzjoni sesswali u irrispettivament mid-diżabbiltajiet.

## Ħatra u kondizzjonijiet tal-impjieg

Id-detentur tal-impjieg se jinħatar abbażi ta' lista qasira proposta mill-Kumitat tal-Għażla lid-Direttur. Dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti huwa l-bażi għall-istabbiliment tal-proposta tal-Kumitat tal-Għażla. Il-kandidati jistgħu jintalbu jagħmlu testijiet bil-miktub. Jenħtieġ li l-kandidati jinnotaw li l-proposta tista' ssir pubblika u li l-inklużjoni fil-lista qasira ma tiggarrantixxix ir-reklutaġġ. Il-lista qasira ta' kandidati se tiġi stabbilita wara proċess ta' għażla miftuħa.

Il-kandidat magħżul se jiġi rekrutat bħala Aġent Temporanju, skont l-Artikolu 2(f) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, għal perjodu ta' ħames snin li jista' jiġġedded. Il-ħatra se tkun fil-grad **AD 5**.

Jenħtieġ li l-applikanti jinnotaw ir-rekwiżit skont ir-regolamenti tal-persunal tal-UE għall-persunal ġdid kollu li għandu jtemm perjodu ta' prova b'suċċess.

Għal aktar informazzjoni dwar il-kondizzjonijiet kuntrattwali u tax-xogħol, jekk jogħġbok irreferi għall-Kondizzjonijiet tal-Impjieg għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, li huma disponibbli fil-link li ġejja:

<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A01962R0031-20140501>

Il-post tal-impjieg se jkun fi Stokkolma, fejn iċ-Ċentru għandu l-attivitatijiet tiegħu.

## Lista ta' riżerva

Tista' tinħoloq lista ta' riżerva u din tintuża għar-reklutaġġ, f'każ li jkun hemm pożizzjonijiet vakanti simili. Din se tkun valida sal-31 ta' Diċembru tal-istess sena tad-data ta' skadenza tal-applikazzjoni u tista' tiġi estiża.

## Proċedura tal-applikazzjoni

**Biex tapplika jekk jogħġbok ibgħat applikazzjoni mimlija lil [Recruitment@ecdc.europa.eu](mailto:Recruitment@ecdc.europa.eu) fejn fis-suġġett tal-email għandek tindika b'mod ċar ir-referenza tal-pożizzjoni vakanti u kunjomok.**

**Biex l-applikazzjoni tiegħek tkun valida, jeħtieġlek timla t-taqsimiet meħtieġa kollha tal-formola ta' applikazzjoni, li jenħtieġ li tiġi sottomessa f'format Word jew PDF u preferibbilment bl-Ingliż<sup>4</sup>. Applikazzjonijiet mhux mimlija għalkollox jitqiesu bħala invalidi.**

**Il-formola ta' applikazzjoni tal-ECDC tinsab fuq is-sit web tagħna hawnhekk:**

**<https://ecdc.europa.eu/en/about-us/work-us/recruitment-process>**

Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet u aktar informazzjoni rigward l-istatus ta' din il-proċedura tal-għażla, kif ukoll informazzjoni importanti rigward il-proċess ta' reklutaġġ, hija mniżżla fuq is-sit web tagħna u tista' tinstab bl-użu tal-link ta' hawn fuq.

Minħabba l-volum kbir ta' applikazzjonijiet li jaslu, se jiġu nnotifikati biss il-kandidati li jintgħażlu għall-intervisti.

---

<sup>4</sup> Dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti ġie tradott fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE mill-oriġinal tiegħu bl-Ingliż. Peress li l-lingwa tal-ħidma ta' kuljum tal-Aġenzija hija ġeneralment l-Ingliż, l-ECDC jippreferi jirċievi l-applikazzjoni bl-Ingliż.